MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 93/1979/1

Alfred Aquilina
vs
John Mary Schembri

Illum, 6 ta' Dicembru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Jannar 1979 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur ghamel xoghol ta’ tibjid, madum, kostruzzjoni ta’ kamra tal-banju u xoghol ta’ konkos u injam fil-fond numru 24A, New Street, Siggiewi, propjeta’ tal-istess konvenut;

Illi dan ix-xoghol sar fl-imsemmi fond in kwantu l-attur kien gharus lill- bint il-konvenut Miriam Schembri, illum mart

Nicholas Bonello, liema gherusija thassret htija ta’ l-istess Miriam Schembri;

Illi f’kull kaz  il-konvenut qed jarikixxi ruhhu indebitament bix-xoghol ezegwit mill-attur fl-imsemmi fond li fih issa qed toqghod l-istess bintu.

talab li din il-Qorti :-

tillikwida l-ammont dovut lill-attur ghax-xoghol minnu maghmul fl-imsemmi fond kif fuq inghad u dana inkluzi l-ispejjez li hu zborza fl-istess xoghol kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza b’liema ammont l-istess attur qed jarrikkixxi ruhhu indebitament in kwantu hu qed jirrifjuta li jhallas l-ispejjes u xoghol maghmul mill-attur kif fuq inghad.

Bl-interessi u bl-ispejjes kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi preliminarjament l-attur ghandu jipprezenta prospett tax-xogholijiet li ghamel, l-ispejjez tal-materjal u lista tal-granet lavorattivi li allegatament qed jghid li ghamel fil-fond de quo;

Illi fit-tieni lok it-talba attrici hi infondatas fil-fatt u fid-dritt peress illi hu ma ghamel l-ebda prestazzjonijiet tan-natura kif minnu indikat fic-citazzjoni;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-5 ta' April 1979 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Mifsud bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu

konjizzjoni tal-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru 1981 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Albert Libreri;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Frar 2000 fejn il-Qorti ssollecitat lill-perit legali ghall-ahhar darba biex jipprezenta r-rapport jew jirritorna l-inkartamenti kollha;

Rat il-verbal ta' l-4 ta April 2001 mnejn jirrizulta li l-perit legali kien irritorna l-process;

Rat il-verbali tax-xhieda mismugha mill-perit legali;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-konvenuti;

Ikkunsidrat illi:-

Ghall-fatti li taw lok ghal din il-kawza l-Qorti tirreferi ghall-kawza l-ohra deciza llum Citaz. Nru. 94/79 fl-ismijiet **Alfred Aquilina vs Miriam Bonello et**. In sintezi tghid li l-attur kien gharus lil Miriam Bonello, bint il-konvenut f'din il-kawza u hassar l-gherusija ghal ragunijiet imputabbli lill-istess Miriam Bonello kif jirrizulta ampjament minn dik is-sentenza.

Li issa qieghed jippretendi l-attur b'din il-kawza hija dik is-somma li tigi likwidata u li tirrapprezenta spejjez li zborza u xoghol minnu prestat fil-fond numru 24A, New Street, Siggiewi, proprjeta` tal-konvenut u li kienet se tkun id-dar konjugali ta' l-attur u bint il-konvenut.

Fis-seduta peritali ta' l-20 ta' Ottubru 1982 l-attur esebixxa diversi rcevuti ta' spejjez li qal li ghamel izda li gew fil-maggor parti kontestati. Dwar ix-xoghol fid-dar qal li hu hadem flimkien ma' zewg kugini tieghu. Qal li qala' l-madum ta' l-art wahdu, baqqan il-hitan tal-kcina u l-kamra tal-banju fejn il-kugini tieghu mbaghad wahhlu t-tiles. Il-

kamra tal-banju bnewha fil-bitha billi waqqghu hajt divizorju tat-toilet u b'hekk estendew ghal gol-bitha. Cartu wkoll tieqa bejn il-kcina u l-kamra ta' l-ikel, u ghamlu bieb bejn il-kcina u l-kamra tal-banju. Ghamel ix-xambrella tat-tieqa u lesta x-xambrella tal-bieb izda ma lehaqx wahhalha. Bajjad il-post kollu bil-water paint.

Charles sive Carmelo Gatt xehed li kien ghamel ix-xoghol ta' dawl fil-fond imsemmi u l-attur kien jaqtaghlu t-trinek u jassisti generalment waqt ix-xoghol.

Alfred Gatt xehed li ghamel ix-xoghol ta' plumbing u xi xoghol iehor. L-attur kien jaqtaghlu t-trinek ghall-pajpijiet ta' l-ilma u naqqax bicca mill-hajt tal-kcina u tal-kamra tal-banju biex ikun jista' jwahhal it-tiles. Ghall-bini tal-kamra tal-banju kien jaghti assistenza generali bhal per ezempju jlesti t-tajn.

Miriam Bonello kkontradixxiet l-attur dwar l-ispejjez li qal li ghamel u bazikament sostniet li l-flus hargithom hi. L-uniku dokument li ma kkontradixxietx huwa d-Dok. J li jirrapprezenta prezz ta' kolonna. Dwar din il-kolonna pero` l-Qorti diga` pprovdiet dwarha fil-kawza l-ohra fl-ismijiet **Alfred Aquilina vs Miriam Bonello et** u ghalhekk mhijiex se tiehu konjizzjoni taghha f'din il-kawza. Miriam Bonello hija korroborata minn ommha Antonia Schembri u sa certu punt anke mill-imsemmijin Charles sive Carmelo Gatt u Alfred Gatt li ndikaw li fil-kontijiet taghhom, u li ghalihom thallsu minn Miriam Bonello, hemm inkluzi l-ispejjez tal-materjal li uzaw - fil-kaz ta' Charles sive Carmelo Gatt isemmi cable tad-dawl u iehor tal-plugs, fittings (wall plugs u switches), main switch jew consumer unit u pipes tal-conduit u fil-kaz ta' Alfred Gatt isemmi xi ftit affarijiet u fittings tal-plumbing. It-tnejn stqarrew li minn dak li thallsu huma ma taw xejn lill-attur.

Minn ezami ta' din ix-xiehda l-Qorti hi tal-fehma li hija aktar verosimili t-tezi tal-konvenut kif imfissra minn bintu Miriam Bonello u martu Antonia Schembri u li ghalhekk l-attur mhuwiex intitolat li jiehu xejn ghall-ispejjez li huwa elenka. Mhux l-istess jista' jinghad pero` dwar ix-xoghol li huwa ppresta u li jekk ma jigix ikkumpensat ghalih jigi li l-

konvenut fil-kwalita` tieghu ta' proprjetarju tal-fond imsemmi, ikun arrikkixxa ruhu indebitament.

L-attur ma pprezenta l-ebda prospett tal-hinijiet u tal-perijodu li huwa ghamel jahdem fl-imsemmi fond u tal-pretensjoni tieghu. Izda dak li thallsu l-kugini tieghu jista' jservi ta' indikazzjoni kif ukoll dak li qal Alfred Gatt fis-sens li qal li dam jaghmlu x-xoghol xi erba' xhur izda li kieku mar kuljum kien idum xi tliet xhur. Naturalment irid jigi kkunsidrat ukoll li x-xoghol li ghamel l-attur ma kienx l-istess bhax-xoghol li ghamlu l-kugini tieghu, fis-sens li huwa ghamel diversi bicciet xoghol wahdu (bhall-qlugh ta' madum, thaffir ta' trinek u tibjid) u lill-kugini tieghu mbaghad kien jipprovdi xi assistenza (bhal li jlesti t-tajn). F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti qieghda ghalhekk tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tillikwida l-ammont dovut lill-attur ghax-xoghol li ghamel fil-fond 24A New Street, Siggiewi, fl-ammont ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250),
(2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax millum.

---------------------------------TMIEM---------------------------------